# IT-VIII TA' SETTEMBRU 1565

## *Ta'* Patri Mattew Kappuċċin

Waqaf il-ġlied u l-qtil mingħajr mogħdrija!
Minn kull fejn tgħaddi Torok maqtulin,
Riħa ta' dħaħen u triqat mimlija
Bċejjeċ t'azzar u t'iġsma tal-mejtin.

Swar minfudin, għadajjar kbar ta' dmija,
Djar ta' taħt fuq, imqades imġarrfin;
'Ma ragħda t'ilħna jgħajtu ferreħija
Dwiet qalb il-ħerba: "Malta tal-Maltin!"

U fuq kull dar jew fejn kien fadal kamra,
Wara Sant'Iermu, perpru ma' kull riħ
Lwien il-bandiera tagħna, bajda w ħamra.

Lemaħha La Vallette rebbieħa mtallgħa,
Beka bil-ferħ, għax Malta żammet sħiħ,
Mar San Lawrenz ma' niesna jrodd ħajr 'l Alla.